*l-aggravji tal-appellant huma stedina lill-Qorti sabiex tindaħal fl-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, meta dan mhux permess mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 li jagħti lok ta' appell fuq punt ta' liġi biss.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 9/2021 LM

**Joseph Bonanno (K.I. nru 396651M)**
*('l-appellant')*

***vs*.**

**All Services Limited (C 4372)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Bonanno (K.I. nru 396651(M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni nru 2703 [minn

issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fit-28 ta’ Jannar, 2021, fejn it-Tribunal iddeċieda t-talbiet tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata **All Services Ltd (C4372)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] billi ddikjara li t-terminazzjoni tal-imjieg tiegħu kienet inġusta u bi ksur tal-liġi, filwaqt li ordna lis-soċjetà appellata tħallas lill-appellant kumpens ta’ elf u ħames mitt Euro (€1,500) fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dik id-deċiżjoni appellata.

**Fatti**

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant minn mas-soċjetà appellata fuq l-allegata raġuni ta’ *redundancy.* L-appellant kien daħal jaħdem magħha fl-1 ta’ Awwissu, 2004 bħala *part-time night receptionist,* u l-impjieg tiegħu ġie tterminat b’effett mill-20 ta’ Ġunju, 2014 meta kellu 63 sena. It-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu saret wara li skont is-soċjetà appellata, ma kienx għadu neċessarju permezz tal-A.L. 351 tas-sena 2012, li lukanda 3 star iżżomm ir-*reception* miftuħa għal aktar minn erbatax-il siegħa fil-ġurnata, u għalhekk il-kariga ta’ *night receptionist* bħala konsegwenza ġiet reża *redundant.*

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-11 ta’ Awwissu, 2014 permezz ta’ rikors, segwit b’dikjarazzjoni fis-26 ta’ Awwissu, 2014, fejn

talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu minn mas-soċjetà appellata kienet waħda inġusta u sabiex jagħti l-provvedimenti kollha opportuni *ai termini* tal-artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, anki permezz ta' kumpens ġust.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-4 ta' Settembru, 2014 fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-imjieg tal-appellant saret b'mod ġust u skont il-liġi u għalhekk it-talba tiegħu kellha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontrih.

5. Fil-5 ta' Ottubru, 2017 it-Tribunal iddeċieda r-rikors tal-appellant billi ddikjara li t-terminazzjoni tiegħu minn mas-soċjetà appellata fuq bażi ta' *redundancy* kienet waħda ġusta. Iżda l-appellant appella minn dik id-deċiżjoni lil din il-Qorti kif diversament preseduta u permezz tas-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, laqgħet l-appell tiegħu u filwaqt li ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata, bagħtet lura l-atti lill-imsemmi Tribunal sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

6. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni appellata:

> *"F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar din il-kwestjoni tax-xogħol u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa dwar il-kwestjoni ta' ħlasijiet tal-leave li min-naħa tar-rikorrent jgħid, li ma kienx tħallas tagħhom u min-naħa tas-soċjetà tgħid li l-leave pendenti kien tħallas u ma kienx hemm aktar leave pendenti x'jieħu r-rikorrent.*

*Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li mhix kompetenza tiegħu li jiddeċiedi dwar din il-materja għar-raġuni, li l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija sabiex jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tal-impieg saritx bi ksur tal-liġi. Għaldaqstant, jekk ir-rikorrent iħoss li min iħaddmu naqas milli jonora l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu huwa għandu jirreferi dan il-ksur tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tieghu lill Qorti kompetenti.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijal jikkunsidra wkoll, il-verżjonijiet tar-rikorrent li kien jaħdem bejn 50 u 60 siegħa fil-ġimgħa li dawn jammontaw għal €990.21 fix-xahar u minn naħa tas-soċjetà tgħid, li r-rikorrent kien jaħdem medja ta' 77.5 siegħa fix-xahar li jammontaw għal €344.30 fix-xahar.*

*Rigward dan l-aspett, għalkemm mhiex il-kompetenza ta' dan it-Tribunal Industrijali biex jidditermina kemm ir-rikorrent kien jadem sigħat fix-xahar però, it-Tribunal Industrijali jifhem għal liema raguni l-partijiet indirizzaw dan l-aspett u dan sabiex jekk fl-eventwalità t-Tribunal Industrijali jasal għall-konklużjoni li kien hemm terminazzjoni ta' impieg li saret b'mod inġust jieħu inkonsiderazzjoni l-figuri msemmija fl-għoti ta' kumpens.*

*Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li għalkemm dan huwa apsett importanti sabiex fl-eventwalità li t-Tribunal Industrijali jasal għall-konklużjoni li saret terminazzjoni ta' impieg b'mod inġust u jieħu inkonsiderazzjoni kemm kien id-dħul tal-ħaddiem u kemm dam barra mill-impieg però fl-għoti ta' kumpens it-Tribunal Industrijali jieħu wkoll konsiderazzjonijiet u ċirkostanzi oħra tal-każ u dan għar-raġuni, li jekk ikun hemm ħaddiem li ġie mkeċċi nġustament u jsib impieg alternattiv l-għada li jkun ġie mkeċċi mill-impieg ma jieħu l-ebda kumpens għal terminazzjoni nġusta tal-impieg jew jekk ħaddiem li jkun ġie mkecċċi ma jsibx impieg alternattiv jibqa' jieħu l-kumpens sal-ġurnata tal-irtirar tiegħu? Għaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jieħu diversi kunsiderazzjonijiet u ċirkostanzi meta jasal biex jiddeċiedi fuq għoti ta' kumpens.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta eżamina il-provi jirriżulta li meta s-soċjetà ssensjat lir-rikorrent ingaġġat kumpannija tas-sigurtà biex tipprovdilha x-xogħol ta'* security *u kif jirriżulta wkoll mill-provi s-*security *li ġew ingaġġati kienu jagħmlu ukoll xogħol ta'* reception *ma' dan, il-kumpannija kienet wkoll baqgħet tirriklama li kienet tipprovdi 24 siegħa servizz ta'* reception*.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ma hemm xejn ħażin li kumpannija tagħmel ri-organizazzjoni tad-dmirijiet tax-xogħol però kien ikun aktar għaqli li s-soċjetà minflok li tissensja lill-ħadiema kienet tavvċina lill-ħaddiema li kellha*

*mpjegati magħha, tispjegalhom is-sitwazzjoni tal-kumpannija u tipprova tasal f'arranġament magħhom biex max-xogħol ta'* reception *jagħmlu wkoll xogħol ta'* security. *Kieku l-kumpannija għamlet dan il-pass kienet ukoll tiskopri li r-rikorrent b'riżultat tal-korsijiet li għamel kien ukoll kapaċi jagħmel ix-xogħol kemm ta'* reception *kif ukoll ta'* security *u l-kumpnanija kienet tevita li tissensja lir-rikorrent wara tant snin ilu jagħti servizz lill-kumpannija.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal għall-konklużjoni li x-xogħol ta'* reception *kien għadu jsir u għaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jasal għad-deċiżjoni li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet inġusta u bi ksur tal-liġi.*

*It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll, li r-rikorrenti għandu jitħallas kumpens ta' €1,500 (elf u hames mitt Euro) liema kumpens għandu jitħallas mingħand All Services Limited (C 4372) fi żmien ħmistax -il ġurnata mid-data ta' din id-Deċiżjoni.*

*Minħabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' faċilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-każ jiġi deċiż fi żmien stabbilit mill-liġi.*

*Għall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, jistabbilixxi d-drittjiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disgħin Euro).*

*B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xogħol"*

## L-Appell

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Frar, 2021, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...tirriforma s-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Bonanno vs All Services Limited,*** *Referenza Numru 3283HW deċiża nhar it-28 ta' Jannar tas-sena 2021 billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi kwantu li ddikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, illum l-appellant kienet waħda inġusta fil-liġi, tilqa' l-appell odjern dwar il-*quantum *likwidat u konsegwentement tvarja l-istess sentenza billi tillwida ammont ta' kumpens ogħla u tikkundanna lill-*

*istess soċjetà appellata tħallas tali kumpens awmentat bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata".*

8. Is-segwenti huma l-aggravji tal-appellant: (i) it-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni dwar il-*quantum* likwidat; u (ii) meta llikwida l-kumpens it-Tribunal skarta għalkollox diversi provi u n-nota ta' pretensjonijiet tiegħu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-4 ta' Mejju, 2021 fejn ikkontestat is-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji rispettivi mressqa mill-appellant, fid-dawl ta' dak li kkostata u ddeċieda t-Tribunal, u meħuda wkoll inkonsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata.

11. L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens li sar mit-Tribunal, u jissottometti li tali likwidazzjoni hija nieqsa minn motivazzjoni adegwata. L-appellant seta' biss jispekula dwar ir-raġuni għaliex l-ammont tal-kumpens kien tant minimu, b'mod li saħansitra lanqas ma kien konformi mal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. L-appellant jissottometti li meta jistabbilixxi l-kumpens, it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u t-telf li jkun sofra l-impjegat mkeċċi u dan meħudin inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi fattwali kollha tal-każ. L-appellant jiċċita silta mis-sentenza ta' din

il-Qorti, kif diversament ippreseduta, tat-23 ta' April, 2018 fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency and Security Print Limited**[1], filwaqt li jikkontendi li ġaladarba t-Tribunal ma ta l-ebda raġuni jew bażi għaliex jew kif huwa wasal għall-ammont likwidat, din il-Qorti għandha tilqa' dan l-ewwel aggravju tiegħu. It-tieni aggravju tal-appellant huwa pjuttost simili għall-ewwel wieħed, u jkompli jibni fuqu. L-appellant hawnhekk jissottometti li meta ġie biex jillikwida l-kumpens, it-Tribunal skarta għalkollox għadd ta' provi u anki in-nota ta' pretensjonijiet li tressqet minnu. B'hekk il-kumpens li wasal għalih kien wieħed arbitrarju u l-ebda parti ma setgħet tifhem kif wasal għalih, kif diġà ngħad. L-appellant iċċita silta twila min-nota ta' pretensjonijiet tiegħu li kienet saret quddiem it-Tribunal, u jsostni li l-kumpens likwidat ma kienx jissodisfa l-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jiċċita sentenza ta' din il-Qorti[2] tat-30 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet **Carmel Borg *vs.* Malta Public Transport Services (Operations) Ltd** li kienet tirrigwarda impjegat tal-istess età tal-appellant u fejn ingħata kumpens ta' €15,000 minflok €2,250 kif stabbilit mit-Tribunal.

12. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tikkontendi li għall-kuntrarju t-Tribunal ħa inkonsiderazzjoni l-ilmenti tal-appellant, u anki n-nota ta' pretensjonijiet tiegħu u r-risposta tas-soċjetà appellata. Filwaqt li tiċċita mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell, kif diversament preseduta, kif deċiża fit-12 ta' Diċembru, 2019 fl-ismijiet **Lotta Malmberg (Passaport Nru 820606193) *vs.* Fortis Limited (C72471)**[3], tirrileva li fil-każ odjern l-appellant kien impjegat

[1] App. Inf. 40/16.
[2] App. Inf. 64/17.
[3] App. Inf. 75/2018 JVC.

magħha fuq bażi *part-time* u fl-istess ħin kellu żewġ impjiegi oħra kif kien jirriżulta mid-dokument ta' *Jobsplus,* filwaqt li kien irtirat u kien jirċievi pensjoni. Barra minn hekk, kif iddikjara huwa stess, l-appellant kellu impjieg ieħor wara t-terminazzjoni tal-impjieg minn magħha, u għalhekk ma kienx hemm danni fejn it-Tribunal ikun tenut li jagħti kumpens akbar. Is-soċjetà appellata ċċitat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell 11 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet **Alfred Agius *vs.* Tal-Magħtab Construction Co. Ltd**[4], u tissottometti li f'dawn il-proċeduri t-Tribunal kien illikwida kumpens ta' €5,000 għax l-impjegat kien dam mingħajr xogħol għal sena u għaxar xhur u fejn ukoll ittieħed inkonsiderazzjoni in-*notice money,* kollox kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell.

13. L-appellant isostni li t-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni għall-mod li bih stabbilixxa l-kumpens fl-ammont ta' €1,500 fid-deċiżjoni appellata. Il-Qorti tagħraf li huwa minnu li fejn iddikjara li għandu jitħallas lill-appellat dan il-kumpens, it-Tribunal ma tax ħjiel ta' kif wasal għall-ammont likwidat, iżda tgħid li m'hemmx għalfejn wieħed iħares wisq 'il hinn u jfittex b'mod spekulattiv kif suġġerit mill-appellant, sabiex isib ir-raġuni ta' kif wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens. Tgħid li kif ser jidher mill-analiżi tad-deċiżjoni appellata li ser issegwi, għall-kuntrarju t-Tribunal għarbel sew il-fatti u anki s-sottomissjonijiet li ġew ippreżentati quddiemu.

14. Għalhekk il-Qorti tgħid li aktar kmieni fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal għaraf li għall-fini tal-għoti tal-kumpens, il-partijiet kienu ppreżentaw is-sottomissjonijiet rispettivi tagħhom dwar kemm l-appellant kien jaqla' fix-

[4] App. Inf. 26/2019 JVC.

xahar. Fil-paragrafu li jsegwi, it-Tribunal jagħmel ċar li huwa proprju d-dħul u anki ż-żmien li l-impjegat jagħmel mingħajr xogħol, li għandu jittieħed inkonsiderazzjoni għall-fini tal-għoti tal-kumpens. It-Tribunal jisħaq li għandu wkoll iqis konsiderazzjonijiet u ċirkostanzi oħra bħalma huma dawk fejn ħaddiem isib impjieg alternattiv l-għada li jiġi mkeċċi jew saħansitra ma jsib l-ebda impjieg. Minn hawn it-Tribunal għadda sabiex għamel evalwazzjoni tal-fatt li wara t-tkeċċija, is-soċjetà appellata kienet ingaġġat kumpanija oħra sabiex tipprovdi servizz ta' *security,* imma li kienet fil-fatt ukoll ipprovdiet servizz ta' *reception,* u dan filwaqt li s-soċjetà appellata kienet baqgħet tirreklama li hija kienet tipprovdi 24 siegħa servizz ta' *reception.* It-Tribunal ikkonsidra kif kellha timxi s-soċjetà appellata fiċ-ċirkostanzi li xtaqet tagħmel riorganiżazzjoni tad-dmirijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. It-Tribunal ikkonsidra li s-soċjetà appellata setgħet waslet f'arranġament mal-ħaddiema tagħha sabiex min jagħmel xogħol ta' *reception,* jagħmel ukoll xogħol ta' *security* u b'hekk hija kienet tiskopri li l-appellant kien kapaċi jagħmel dan kollu u ma kinitx tasal sabiex tkeċċih wara ħafna snin ta' servizz.

15. Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tagħraf li l-ewwel u wkoll it-tieni aggravju tal-appellant mhumiex ġustifikati u tiċħadhom. Imma ma tistax tonqos milli tirrileva li l-aggravji tiegħu huma stedina lill-Qorti sabiex tindaħal fl-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, meta dan mhux permess mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 li jagħti lok ta' appell fuq punt ta' liġi biss.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost mill-appellant, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**